# L-Emigrazzjoni esterna u interna fis-seklu għoxrin

### Kif kienu affettwati l-Maltin, partikularment il-Gudjani?

**L-emigrazzjoni esterna minn Malta**

Il-kelma 'emigrazzjoni' tirreferi għal meta grupp ta' nies jitilqu minn pajjiż għal ieħor. Hemm diversi raġunijiet għalfejn dak li jkun jagħżel li jemigra, fosthom biex isib xogħol aħjar, jgħix ħajja aħjar u biex jiltaqa' mal-familjari tiegħu.

L-emigrazzjoni minn Malta kienet teżisti, tista' tgħid, minn dejjem. Kienu ħafna dawk il-Maltin li fi żmien il-Medjuevu u taħt l-Kavallieri għażlu li jħallu art twelidhom għal Sqallija u l-Italja. Biss, l-emigrazzjoni minn Malta għal pajjiżi oħra ħadet spinta 'l quddiem taħt l-Ingliżi, li ġew Malta fl-1800 u konna kolonja tagħhom sakemm ħadna l-Indipendenza fl-1964.

L-emigrazzjoni taħt l-Ingliżi nistgħu naqsmuha f'żewġ fażijiet: dik tad-dsatax-il seklu u tal-għoxrin seklu. Il-Maltin li emigraw fid-dsatax-il




*Il-postijiet fejn emigraw il-Maltin fis-seklu dsatax*

seklu għażlu li jibqgħu fil-Mediterran u għażlu postijiet bħal-Libja, l-Eġittu, Ċipru, it-Tuneżija, Sqallija, l-Italja u Marsilja fi Franza.
Waħda mir-raġunijiet ewlenin li ġagħlet 'il-Maltin jibqgħu fil-Mediterran kienet minħabba l-klima li għandhom il-pajjiżi madwar il-Mediterran, li hija ħafna simili tal-klima Maltija. Dawk li għażlu li jemigraw lejn pajjiżi Għarab għamlu hekk minħabba l-lingwa, għax kif jaf kulħadd, il-lingwa Maltija tixbah ħafna lil dik Għarbija. Sal-aħħar tas-seklu dsatax kien hawn mal-ħamsin elf Malti imferrex madwar il-Mediterran.

Jekk l-Ingliżi ma tantx taw l-għajnuna tagħhom lill-emigranti Maltin li emigraw minn Malta fid-dsatax-il seklu, dan ma nistgħux ngħiduh għall-emigrazzjoni minn Malta fl-għoxrin seklu.



*Il-port il-kbir mimli attività fl-1890*

Kif kien jiġri dejjem wara xi gwerra f'Malta, wara l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918) kien hawn ħafna nies bla xogħol. Fi żmien l-Ingliżi, l-ekonomija ta' Malta kienet dik li nirreferu għalija bħala ekonomija ta' fortizza għax kienet ibbażata biss fuq il-bżonnijiet tal-Ingliżi u xogħlijiet fil-port. B'hekk, meta l-Ingliżi kienu jkeċċu n-nies mill-port wara xi gwerra, f'Malta kien ikun hawn ħafna nies qiegħda. Wara l-Ewwel Gwerra Dinjija, l-Ingliżi għamlu minn kollox biex jippromovu l-emigrazzjoni minn Malta u jtaffu xi ftit mill-problemi li kien hawn. Din id-darba, l-Ingliżi ħajru lill-Maltin biex jemigraw lejn kolonji li kellhom 'il bogħod mill-Mediterran bħall-Awstralja u l-Kanada. Din kienet biss possibbli minħabba li l-Ingliżi għenu lill-Maltin fil-proċess ta' karti . Xi ħaġa oħra li għenet lill-Maltin kienet li sa dak iż-żmien il-Maltin kienu jafu xi ftit jew wisq il-lingwa Ingliża, li kienet essenzjali li jkunu jafuha biex setgħu jemigraw lejn dawn il-postijiet.

Mill-gazzetta tal-gvern nafu li fl-1926, żewġ Gudjani għażlu li jemigraw u jħallu art twelidhom. Miċ-ċensiment tal-1931, minn popolazzjoni fil-Gudja ta' 1, 283, sitt Gudjani kienu emigraw.

Waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, kienu ftit dawk il-Maltin li emigraw minn Malta, minħabba li kien hawn ħafna opportunitajiet tax-xogħol, speċjalment fit-tarzna u l-portijiet Maltin. Biss, din is-sitwazzjoni nbidlet kompletament wara t-Tieni Gwerra Dinjija, għax f'Malta mhux biss kien hawn ħafna nies bla xogħol, iżda wkoll il-popolazzjoni żdiedet konsiderevoli bit-twelid ta' ħafna trabi (*baby boom*). L-Ingliżi wkoll ma baqgħux jaraw lil Malta bħala bażi navali importanti għalihom, tant li bdew il-programm tar-*run down*, fejn bdew jiġu mkeċċija ammont konsiderevoli ta' nies mit-tarzna kull sena.


HEJ GUS...

*(Kont : Hej Joe)*

1 Hej Gus,
Mur inkiteb l-Emigration
Malta bl-overpopulation
Naqra, naqra battiet il-karus
Hej Gus
Waħda kbira igur jiġrilek
Isma minni jaqbel lilek
Mur l-Amerka jekk trid taqla' l-flus
Mel'isa Gus, kun kuraġġjus
Ftakar illi inti issa dħalt għarus
Sakemm tasal l-embarkation
Ilgħat għall-accommodation
Tiġik igur ...u fittex mur...
Hej Gus,
Malta il-flus taqla bit-tbatija
Din hmerija, fittex mur
Għax l-Amerka esir sinjur...
2 Hej Gus,
X'ħajja din ma tgħoddix għalina
Hawn kullħadd jgħaddi ż-żmien bina
Xogħol għalina Malta ma nsibux
Hej Gus,
M'hemmx għalfejn iktar naħsbuha
Hemm bżonn li niddeċiduha
Lejn l-Awstralja mnorru ma ndemux
Immorru Gus...hemmhekk [illegible]
Naħdmu, nieklu, ngawdu bl-għaqal nagħmlu l-flus
Bogħod minn Malta ftit jimporta
Klima hemm bħal tagħna xorta
Nidraw igur......u esir sinjur... (mela)
Hej Gus
Ei nagħmlu flimkien dil-avventura

*Kanzunetta miktuba wara t-tieni gwerra dinjija biex tħajjar aktar lill-Maltin jemigraw 'il bogħod minn xtutna.*

Din ma ħallietx għażla oħra għall-Maltin ħlief li jemigraw bil-gzuz lejn l-Amerka, l-Ingilterra, l-Kanada u l-Awstralja. Miċ-ċensimenti u statistiċi oħra nafu li fl-1957, kienu emigraw disa' Gudjani, fl-1963 emigraw tnax-il Gudjan u fl-1976 kien hemm emigrant wieħed biss li kien mill-Gudja. Wara t-tmeninijiet, l-emigrazzjoni minn Malta naqset ħafna minħabba li żdied ix-xogħol f'Malta permezz tal-bini, fabbriki, lukandi u industriji oħra. Minn statistiċi li jiena kkonsultajt fuq dan is-suġġett jidher li ma kienx hemm iżjed emigranti Gudjani sas-sena 2000. Bħala konklużjoni fuq l-emigrazzjoni minn Malta fis-seklu għoxrin, wieħed irid issemmi li t-total ta' emigranti Gudjani kien ta' tletin biss. Din iċ-ċifra hija baxxa ħafna meta kkumparata ma' dik nazzjonali, li sas-sena 1971 kienu diġà emigraw minn Malta 77,230 persuna. Dan il-fatt ta' nuqqas ta` emigranti Gudjani jista' jiġi spjegat minħabba li l-maġġoranza tal-Gudjani fis-seklu għoxrin kienu bdiewa, jew kellhom xi sengħa partikolari bħal mastrudaxxa u bennejja. B'hekk, minħabba li bix-xogħol tagħhom kienu indipendenti mill-Ingliżi, ma ġewx affettwati daqshekk ħazin min-nuqqas ta' xogħol li kien hawn f'Malta wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

**L-emigrazzjoni interna f'Malta**

Fis-seklu dsatax u fil-bidu tas-seklu għoxrin, kienu ħafna dawk il-Maltin li ħallew il-villaġġi fejn trabbew u marru jgħixu fejn il-port, fosthom il-Belt, il-Furjana u fit-tlett ibliet. Dan għamluh għax taħt l-Ingliżi kien hemm ħafna opportunitajiet ta' xogħol fil-port u t-tarzna. Tant kemm marru Maltin f'dawn n-naħat li anki żviluppaw subborgi ġodda bħal Ħamrun, il-Kalkara u l-Marsa.



*It-tifrik li sofriet il-Belt Valletta fit-Tieni Gwerra Dinjija*

Minn statistiċi u ċensimenti nafu li fl-1891, kien hemm 1,191 li twieldu l-Gudja. Minn dawn, 987 kienu jgħixu l-Gudja, filwaqt li d-differenza ta' 204 Gudjani kienu jgħixu barra mill-Gudja.

Fl-1901, kien hemm 1,200 li twieldu l-Gudja, u minnhom, 943 kienu jgħixu l-Gudja. Il-kumplament, iġifieri 257 Gudjani kienu emigraw 'il barra mill-Gudja għal xi belt oħra Maltija.

Din is-sitwazzjoni nbidlet xi ftit waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Minħabba li l-inħawi tal-port kienu attakkati kontinwament mill-bombi tal-Ġermanizi u t-Taljani, ħafna nies li kienu jgħixu hemm telqu biex isibu refuġju fi rħula oħra Maltin 'il bogħod mill-port. Din l-emigrazzjoni interna kompliet anki wara t-Tieni Gwerra Dinjija minħabba li ħafna Maltin kienet iġġarfitilhom d-dar tagħhom waqt t-Tieni Gwerra Dinjija u spiċċaw ifittxu kenn ieħor.

B'hekk naraw li fl-1948, kien hemm 339 Malti li ddeċidew li jmorru joqogħdu l-Gudja.

Bħala konklużjoni wieħed jista' jgħid li l-popolazzjoni fil-Gudja kienet dejjem waħda stabbli li ftit li xejn ġiet affettwata kemm minn emigrazzjoni interna kif ukoll minn dik esterna. Din il-ħaġa tgħaqqad aktar 'il-Gudjani flimkien, minħabba l-fatt li ħafna mill-antenati tagħhom kienu dejjem joqogħdu hawn, rabbew il-familji tagħhom hawn ukoll, u ħafna minnhom ukoll illum il-ġurnata jagħżlu li jrabbu l-familji tagħhom fil-Gudja wkoll.

**Charlene Camilleri B.A. (Hons) History, PGCE**

Il-Muzzan

Blacksmith

**42,Mosta Road, Naxxar**

**21410622**